

Paġna ewlenija > Kwistjonijiet tal-familja u wirt > Jogszerű letelepedés külföldön gyermekekkel
Jogszerű letelepedés külföldön gyermekekkel

Latvja

1 Taħt liema ċirkostanzi jista' ġenitur jittrasferixxi legalment lill-minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor?

Jekk qorti ddeċidiet li l-post tar-residenza tal-minuri huwa fi stat ieħor, il-ġenitur li jittrasferixxi l-minuri għar-residenza permanenti f'dak l-istat ma jeħtieġx il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor.

Ġenitur jista' legalment jittrasferixxi minuri għal residenza permanenti fi Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor meta l-ġenitur li jittrasferixxi l-minuri għandu drittijiet ta' kustodja uniċi stabbiliti abbażi ta' ftehim bejn il-ġenituri jew deċiżjoni mill-qorti.

Ġenitur jista' legalment jittrasferixxi minuri għal residenza permanenti fi Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor meta d-drittijiet ta' kustodja tal-ġenitur l-ieħor ikunu ġew sospiżi permezz ta' deċiżjoni tal-qorti tal-familja (*bāriņtiesa*) jew ikunu ġew irtirati permezz ta' deċiżjoni mill-qorti.

2 Taħt liema ċirkostanzi hu meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor għat-trasferiment tal-minuri lejn stat ieħor?

Ġenitur li d-drittijiet ta' kustodja tiegħu ma jkunux ġew sospiżi jew irtirati jista' legalment jittrasferixxi minuri għar-residenza permanenti fi Stat ieħor bil-kunsens tal-ġenitur l-ieħor li għandu drittijiet ta' kustodja (konġunti jew uniċi).

3 Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix kunsens għat-trasferiment tal-minuri lejn Stat ieħor, minkejja li jkun meħtieġ, il-minuri kif jistgħu jġu ttrasferiti b'mod legali lejn Stat ieħor?

Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix il-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-minuri, il-ġenitur li jixtieq jittrasferixxi l-minuri għar-residenza permanenti fi stat ieħor jista' jitolb lill-qorti sabiex tistabbilixxi li l-post tar-residenza tal-minuri jkun fl-istat li fih dak il-ġenitur irid jittrasferixxi l-minuri.

Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix il-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-minuri, il-ġenitur li jixtieq jittrasferixxi l-minuri f'residenza permanenti fi stat ieħor jista' jitolb lill-qorti sabiex tistabbilixxi drittijiet ta' kustodja uniċi għalih.

Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix il-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-minuri, il-ġenitur li jixtieq jittrasferixxi l-minuri f'residenza permanenti fi stat ieħor jista' jitolb lill-qorti tal-familja sabiex tissospendi d-drittijiet ta' kustodja tal-ġenitur l-ieħor (fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi) jew jista' jitolb lill-qorti sabiex tirtira d-drittijiet ta' kustodja tal-ġenitur l-ieħor (meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi).

4 L-istess regoli japplikaw għat-trasferiment temporanju (eż. vaganza, il-kura tas-saħħa eċċ.) u t-trasferiment permanenti? Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdli l-formoli ta' kunsens rilevanti.

Għal trasferiment permanenti ara r-risposti għad-domandi preċedenti.

Fil-każ ta' trasferiment temporanju l-kunsens tal-ġenitur l-ieħor mhuwiex rikjest.

L-aħħar aġġornament: 06/02/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.